MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-19 ta' Settembru, 2012

Numru. 277/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa)**

**Vs**

**Lourdes Castillo ta' 29 sena bint Paul u Rita nee' Cutajar, imwielda Pieta' fl-10 ta' Novembru 1982, residenti fil-fond 7, Triq Loreda, Rabat u detentrici tal-karta ta'l-identita' bin-numru 656482(M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputata Lourdes Castillo akkuzata talli f'dawn il-Gzejjer f'diversi xhur fis-snin 2004 u 2005, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew

billi inqdiet b'qerq iehor, ingann jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamlet qligh li jeccedi it-tmenin elf lira Maltin (Lm80,000) ghad-dannu ta' John Attard mir-Rabat, Ghawdex;

Kif ukoll talli l-istess perijodu, lok u cirkostanzi, irceviet jew accettat xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghaliha innifisha jew ghal haddiehor bil-ghan li tesercita xi influwenza mhux xierqa fuq kif jiddeciedi l-Onorevoli Ministru ta'l-Edukazzjoni, Dr. Louis Galea B.A., LL.D., M.P.;

U aktar talli fl-istess perijodu, lok u cirkostanzi, bil-hsieb li testorci flus jew xi haga jew li taghmel xi qligh, jew bil-hsieb li iggieghel lil persuna ohra tezegwixxi, tiddistruggi, tqalleb jew tbiddel testment jew obbligazzjoni bil-miktub, titolu jew garanzija jew taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga, hedded li taghmel denunzja jew kwerela kontra, jew li taghti malafama lil John Attard mir-Rabat, Ghawdex, u b'liema theddid wasslet fil-hsieb taghha.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha ta' dan il-procediment

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tas-17 ta' Ottubru 2007.

Semghet lill-imputata tiddikjara illi ma kellhiex oggezzjoni illi dana il-kaz jigi trattat u deciz minn dina l-Qorti bil-procedura sommarja.

Semghet il-provi.

Semghet trattazzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi l-fattspecje li isawru dana il-kaz jistghu jinqassmu fi tlett episodji differenti li fihom hemm involuti l-imputata, l-parte civile John Attard u certu Grace Gatt. L-istorja jidher li

kellha il-bidu taghha meta l-parti leza ra avviz fejn l-imputata u Grace Gatt kienu qed jirreklamaw is-servizzi taghhom bhala investigaturi privati. Attard xtaq jingagga is-servizzi ta' dawn in-nies sabiex isegwu il-passi ta' certu Mary, li kienet tahdem mieghu u li maghha huwa kellu relazzjoni. Din ma kenitx l-unika bicca xoghol, izda, li Attard qabbad lill-imputata u lil Gatt biex jaghmlu. Jidher illi Attard kellu jiehu xi flus minn ghand certu Carmen Zammit li kellha taghtih xi flus u allura inkariga lil Gatt b'mod ewlieni bhala *debt collector*. Din Zammit ma kellhiex biex thallas lil Attard izda sar ftehim illi hija tghaddilu ir-rikavat mill-bejgh ta' xi proprjeta li hija kienet wirtet ma' ohtha. Jidher illi ghal kuntratt kien prezenti John Attard li gabar parti mill-ammont lilu dovut. Gatt jidher illi kienet thallset xi persentagg fuq l-ammont kollu dovut u mhux biss dak illi kien gabar effettivament l-parti leza. L-imputata, madankollu, ma kenitx involuta f'dina l-istorja.

Matul dana iz-zmien nibtu zewg stejjer ohra li fihom Attard spicca rikattat u fejn ittiehdulu somom ta' flus. Fl-ewwel storja kien hemm involuta tfajla bl-isem ta' Cassandra li kienet taht l-eta. Jidher illi l-imputata u Grace Gatt taw x'jifhem lil Attard illi dina Cassandra kellha grazzja mieghu u ghalhekk hu beda jibaghtilha xi messaggi amoruzi li ghalihom kienu iwiegbu l-imputata u Gatt. Wara xi zmien l-imputata gharrfet lil Attard illi omm Cassandra saret taf b'din l-istorja u kienet ser tirrapurtah lill-pulizija. Attard beza u waqa' ghar-rikatta ta'l-imputata u ta' Gatt fejn dawn qalulu illi omm Cassandra kienet lesta li ma tirrapurtahx jekk huwa ihallasha somma flus. Attard ma kellux flus biex ihallasha u hawnhekk il-kobba kompliet tithabbel meta Grace Gatt qalet lil Attard illi hija kienet issellfet somma flus biex tkun tista' thallas lil omm Cassandra ghan-nom tieghu. Minn hawn hija bdiet tinsisti mal-parti leza biex ihallasha l-ammont li allegatament kienet isellfet minhabba fih u hawn Attard spicca issellef il-flus biex ihallas lill-imputata u lil Grace Gatt. Minn investigazzjonijiet li saru mill-pulizija u mill-provi mismugha jirrizulta illi fil-fatt dina kienet kollha messa in xena ta'l-imputata u Grace Gatt sabiex huma jestorcu il-flus minn Attard.

Fl-ahharnett l-imputata u Grace Gatt ivvintaw storja ohra fejn huma ingannaw lil Attard u spiccaw hadulu somma flus konsiderevoli. Attard kien irrakonta lil dawn in-nies li huwa kellu xi problemi fuq il-post tax-xoghol tieghu fid-Dipartiment ta'l-Edukazzjoni gewwa Ghawdex ma' certu Joseph Busuttil. Hawn l-imputata ivvintat storja illi hija kellha hbiberija max-xufier tal-Ministru Louis Galea li fiz-zmien in kwistjoni kien Ministru ta'l-Edukazzjoni. Hija qaltlu li dan Busuttil kien ser ihallas somma flus sabiex hu jitnehha mid-Dipartiment. Hi avzatu illi jekk huwa ihallas somma flus ikbar setghet twaqqaf dan milli jigri u anke sahansitra jinghata promozzjoni. Attard emmen dina l-invenzjoni ukoll u ghalhekk rega' ghadda somma flus lil Castillo. Biex gab dawn il-flus huwa lahaq ftehim ma certu Maureen Woods li selfitlu sommom kbar ta' flus li hija kienet wirtet. Din Woods kienet giet f'kuntatt ma' Grace Gatt u mal-imputata minhabba li kienet ingaggathom bhala private investigators peress illi hija kellha problemi matrimonjali ma' zewgha. Kien hawn illi l-imputata u Gatt laqqghu lil din Woods ma' John Attard fejn dan beda joffrielha servizzi sesswali versu korrispettiv u wara huwa gharrafha bil-problemi finanjzarji li kellu u hija selfitu ghalhekk il-flus sabiex seta ihallas lil dawn it-tnejn minn nies.

Dan John Attard fl-ahhar, beda jinduna li ma beda ikollu l-ebda rizultat ghalkemm kien hallas ammonti kbar ta' flus u ghalhekk iddecieda li imur jaqra ix-xorti ghand *fortune teller*. Huwa mar ghand certu Panayoda Cassar li hekk kif irrakontalha l-istorja kollha mal-ewwel indunat illi dawn it-tnejn minn nies kienu qed jidhku bih u tatu parir sabiex jaghmel telefonata lill-imputata u jirrekordjaha. Attard hekk ghamel fejn f'din it-telefonata l-imputata tikkonferma ma' Attard li hija kellmet lill-Ministru Louis Galea personalment. Rinfaccjata b'dina il-messa in xena minn Panayoda Cassar, l-imputata tibqa tinsisti illi dak li qalet lil Attard kien minnu, izda ftit wara li jitilqu minn ghand Cassar, Grace Gatt tmur ghandha u tghidilha biex tghaddi messagg lil Attard illi kienet lesta trodd il-flus lura li gew mehuda minnu indebitament. Minn hawn Attard jiddeciedi li jiehu parir legali fejn intbaghtet kwerela lill-pulizija sabiex jinvestigaw dana il-kaz. Illi sussegwentement minn

investigazzjonijiet li saru mill-pulizija kif ukoll mix-xhieda li instemghet fil-qorti senjatament dik tal-Onorevoli Louis Galea innifsu irrizulta illi din ukoll kienet kollha messa in xena maghmula minn Castillo u Gatt sabiex jiehdu il-flus minn John Attard.

Illi minn qari tan-nota ta rinviju ghal gudizzju ta'l-Avukat Generali jirrizulta illi lill-imputata qed jigu addebitati ir-reati tal-frodi, 'l hekk imsejjah reat tat-*trading-in-influence* u fl-ahharnett dak tar-rikatt a tenur ta'l-artikolu 250 tal-Kapitolu 9.

**IL-FRODI**

Biex jissussti ir-reat tal-frodi jew truffa gie ritenut kostantement fil-gurisprudenza u fis-sentenzi tal-qrati taghna illi iridu jinkonkorru diversi elementi. Ibda biex irid ikun hemm ness bejn is-suggett attiv u is-suggett passiv tar-reat u cioe' bejn minn qieghed jikkometti ir-reat u il-vittma. Hemm imbaghad l-element materjali ta' dana ir-reat u cioe' l'uzu ta' ingann jew raggieri li iwasslu lil vittma sabiex isofri it-telf patrimonjali. Finalment huwa necessarju li ikun hemm l-element formali tar-reat konsistenti fid-dolo jew fl-intenzjoni tat-truffatur jew frodatur li jinganna u dana sabiex jikseb profitt jew vantagg ghalih innifsu. Jekk xi wiehed jew iktar minn dawn l-elementi huma nieqsa, allura ir-reat tat-truffa ma jistax jisussisti. Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (per Imhallef Carmel. A. Agius) deciza fit-22 ta' Frar 1993, fl-ismijiet Il-Pulizija vs Charles Zarb, il-Qorti ghamlet esposizzjoni ferm preciza studjata u dettaljata ghar-rigward ta'l-elementi ta' dana ir-reat. Il-Qorti bdiet sabiex esprimiet ruhha b'dan il-mod ghar-rigward ta' dana ir-reat:

***"Id-delitt tat-truffa huwa l-iprem fost il-kwalitajiet ta' serq inproprji u hu dak li fl-iskola u fil-legislazzjoni Rumana kien maghruf bhala steljolat u li jikkorrispondi ezattament ghat-truffa tal-Codice Sardo, ghal frodi tal-Kodici Toskan, ghal Engano jew***

***Estafa fil-kodici Spanjol, ghal Bulra f'dak Portugiz, u ghal Esroquerie fil-Kodici Francis … Id-disposizzjonijiet tal-Kodici taghna li jikkontemplaw ir-reat ta' truffa kienu gew mehuda minn Sir Adriano Dingli mill-paragrafu 5 ta'l-artikolu 430 tal-Kodici delle Due Sicilie li hu identiku hlief ghal xi kelmiet insinjifikanti ghal Kodici Franciz (artikolu 405) avolja dan, il-Kodici delle Due Sicile, it-truffa kien sejhilha Frodi …..".*** Skond gurisprudenza kostanti, l-ingredjenti ta'l-element materjali ta' dan id-delitt ta' truffa, huma dawn li gejjin.

Fl-ewwel lok bhala suggett attiv ta' dan id-delitt jista' ikun kulhadd.

Fit-tieni lok il-Legislatur, aktar mill-interess socjali tal-fiducja reciproka fir-rapport patrimonjali individwali, hawn qed jittutela l-interess pubbliku li jimpedixxi l-uzu ta'l-ingann u tar-raggieri li jinducu bniedem jiddisponi minn gid li fil-kors normali tan-negozju ma kienx jaghmel.

Fit-tielet lok hemm l-element materjali tat-truffa u jikkometti d-delitt tat-truffa kull min:

a. b'mezzi kontra l-ligi, jew
b. billi jaghmel uzu minn ismijiet foloz jew
c. ta' kwalifiki foloz jew
d. billi jinqeda b'qerq iehor u
e. ingann jew
f. billi juri haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz,
g. jew ta' hila
h. setgha fuq haddiehor jew
i. ta' krediti immaginarji jew
j. sabiex iqanqal tama jew biza dwar xi grajja kimerika, jaghmel qliegh bi hsara ta' haddiehor.

…. Hu necessarju biex ikun hemm ir-reat ta' truffa, li l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagacja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu necessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-

assistenza ta’ fatti li qajmu sentimenti kif hemm indikat fil-ligi. ….”

Dwar l-artifizzji intqal mill-Qorti illi ***“hemm bzonn biex ikun reat taht l-artikolu 308 illi l-kliem jkun akkumpanjat minn apparat estern li jsahhah il-kelma stess fil-menti ta’ l-iffrodat. Din it-tezi hija dik accettata fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti anke kolleggjalment komposta fil-kawza “Reg vs Francesco Cachia e Charles Bech (03.01.1896 – Kollez.XV.350) li fiha intqal illi “quell’ articolo non richiede solamente una asserzione mensioniera e falza, ma richiede inoltre che siano state impiegate, inganno, raggiro o simulazione, ed e’ necessario quindi che la falza asseriva sia accompagnata da qualche atto diretto a darla fede.”***

Ghar-reati ta’ truffa komtemplat fl-artikolu 308 tal-Kodici kriminali, il-Qorti iccitata lill-Imhallef Guze Flores fejn qal illi ***“kif jidher mid-dicitura partikolari deskrittiva adoperata, hemm bzonn li tirrizulta materjalita’ specifika li sservi ta’ supstrat ghall-verosimiljanza tal-falsita prospettata bhala vera u b’hekk bhala mezz ta’ qerq. Ma huwiex bizzejjed ghal finijiet ta’ dak l-artikolu affermazzjonijiet, luzingi, promessi, minghajr l-uzu ta’ apparat estern li jirrivesti bi kredibilita’ l-affermazzjonijiet menzjonjieri tal-frodatur. Il-ligi taghti protezzjoni specjali kontra l-ingann li jkun jirrivesti dik il-forma tipika, kwazi tejatrali, li tissupera il-kawtela ordinarja kontra s-semplici u luzingi, u li taghti li dawk l-esterjorita ta’ verita kif tirrendi l-idea l-espressjoni felici fid-dritt Franciz mise-en-scene.”***

***“….Kwantu jirrigwarda l-element formali, cioe’ kwantu jirrigwarda d-dolo ta’ dan ir-reat ta’ truffa, jinghad illi jrid jkun hemm qabel xejn l-intenzjoni tal-frodatur li jipprokura b’ingann l-konsenja tal-flus jew oggett li jkun fi profit ingust tieghu. L-ingustizzja tal-profitt tohrog mill-artikolu 308 tal-Kodici Kriminali fejn il-kliem “bi hsara ta’ haddiehor” ma jhallux dubbju dwar dan. Jigifieri biex ikun hemm l-element intenzjonali***

***tar-reat ta' truffa, hemm bzonn li s-suggett attiv tar-reat fil-mument tal-konsumazzjoni tieghu ikun konxju ta'l-ingustizzja tal-profitt u b'dan il-mod il-legittima produttivita tal-profitt hija bizzejjed biex teskludi d-dolo."***

Illi minn dina l-esposizzjoni maghmula mill-Qorti ta'l-Appell li iccittat diversi sentenzi ohra tal-qrati taghna jidher illi l-elementi rikjesti sabiex jisussisti ir-reat tal-frodi baqghu invarjati fi-zmien.

Illi f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione Penale gie deciz illi element ewelieni fir-reat tal-frodi huwa ***"l'elemento del'danno patrimoniale"*** Biex imbaghad jissusti dana it-tip ta' reat huwa necessarju illi jezistu "***I tre momenti di cui si compone il reato e' cioe' la produzione dell'artificio, nella successive induzione in errore e nella conseguenziale produzione dell'ingiusto profitto per l'agente." (Cassazione penale sez.II 3 ottobre 2006 n.34179)***

Illi ghar-rigward ta' dana l-element soggettiv tar-reat tat-truffa, kif gie ritenut mill-awtur Francesco Antolisei, ikkwotat f'sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (Il-Pulizija vs Patrick Spiteri deciza 22/10/2004) : ***"L'agente … deve volere non solo la sua azione, ma anche l'inganno della vittima, come conseguenza dell'azione stess, la disposizione patrimoniale, come conseguenza dell'inganno e, infine, la realizzazione di quell profitto che costituisce l'ultima fase del processo esecutivo del delitto. Naturalmente occorre che la volonta sia accompagnata dalla consapevolezza del carattere frodatorio del mezzo usato, dell'ingiustizzia del profitto avuto in mira e del danno che ne deriva all'ingannato."***

Illi l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9, imbaghad jikkontempla ir-reat minuri tal-frodi innominat. Illi ghar-rigward ta' dana ir-reat, ghalkemm l-element tar-"raggiri" jew l-"artifzji", huwa nieqes u allura anke gidba semplici hija bizzejjed ghal kummissjoni ta' dana ir-reat, izda dana irid bil-fors iwassal sabiex il-vittma u cioe' is-suggett passiv ta' dana ir-reat

isofri xi telf patrimonjali. Illi kif gie deciz fis-sentenza Il-Puliizja vs Carmela German (Appelli Kriminali Inferjuri 30/12/2004): ***"Kwantu ghal kwistjoni jekk il-gidba semplici – a differenza ta'l-artifizji u raggiri – tistax tammonta ossia twassal ghar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija certament fl-affermattiv, basta li tali gidba tkun effettivament tammonta ghal qerq, cioe' intiza jew preordinata sabiex il-persuna l-ohra (il-vittma) taghmel jew tonoqs milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment ghal min jghid dik il-gidba u basta, s'intendi li tkun effettivament waslet ghal dana it-telf min-naha u arrikkiment min-naha l-ohra."***

Illi ghalhekk mill-fattispecje ta' dana l-kaz il-Qorti trid tara jekk jezistux l-elementi legali rikjesti ghar-reat tat-truffa.

Ikkunsidrat,

Illi m'hemmx dubbju illi f'dan il-kaz kien hawn mhux messa in xena wahda, izda iktar minn wahda kollha intenzjonati sabiex jingannaw lill-parti leza, raggieri li jixxiehbu iktar ma' xi storja kwazi surreali li insibu miktub f'xi novella milli fi xi haga li realment sehhet. L-imputata kienet involuta fil-messa in xena fejn kienet involuta il-minuri Cassandra Caruana kif ukoll il-messa in xena l-ohra fejn hija webblet lil Attard li setghet sahansitra iggiblu promozzjoni fuq il-post tax-xoghol tieghu. L-ghan ta' dan l-ingann fiz-zewg okkazzjonijiet kien sabiex kemm hi kif ukoll Grace Gatt jiehdu flus minn ghand Attard indebitament u b'hekk spiccaw arrikkiti a skapitu tieghu.

Illi l-Prosekuzzjoni ressqet diversi xhieda f'dina l-kawza li kollha b'xi mod jew iehor kienu involuti f'dina il-kobba imhabbla. L-imputata giet investigata u interrogata mill-pulizija fejn irrilaxxjat mhux inqas minn erba stqarrijiet. Illi id-difiza fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza issollevat is-solita eccezzjoni dwar l-inammissibilita' ta'l-istqarrijiet ta'l-imputata bhala prova fil-kawza. Dana ghaliex l-istess stqarrijiet, tikkontendi d-difiza, ittiehdu bi vjolazzjoni ta' drittijiet fondamentali ta'l-imputata ghal smigh xieraq u dana kif sanciti kemm fil-Kostituzzjoni taghna kif ukoll fl-

artikolu 6(1), abbinat ma'l-artikolu 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja Dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Kwindi ghalkemm l-istess stqarrijiet ittiehdu skond il-ligi vigenti f'dak iz-zmien, izda dawn gew rilaxxjati minghajr ma l-imputata inghatat d-dritt li tiehu parir legali qabel ma ghamlet dan.

Illi fil-kamp penali dejjem gie ritenut li l-konfessjoni – popolarment maghrufa bhala l-istqarrija ta'l-imputat jew l-akkuzat – hija l-prova regina li tista' tressaq il-prosekuzzjoni biex tipprova l-htija tal-persuna akkuzata, dment li din tkun saret volontarjament u ma gietx imgieghla, jew mehuda b'theddid, jew b'biza', jew b'weghdiet jew twebbil ta' vantaggi (artikolu 658 tal-Kodici Kriminali). Illi irid jinghad illi il-ligi li tippermetti lill-persuna suspettata u li tkun qed tigi interrogata li ikollha access ghal parir legali kienet ghadha ma gietx fis-sehh. Kien biss permezz ta'l-Avviz Legali 35 tal-2010 illi id-disposizzjonijiet ta'l-artikoli 355AT u 355AU tal-Kapitolu 9 gew fis-sehh u dana mid-data ta'l-10 ta' Frar 2010.

Illi fuq skorta ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali recentement,[1] jirrizulta inkonfutabbilment illi id-dritt ghal smiegh xieraq kif sancit fl-artikolu 6(1) u 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja ghandu japplika ukoll ghal *pre-trial stage* u cioe' ghall-istadju meta persuna tkun giet arrestata u ser tigi interrogata. Kwindi l-artikolu 6(3)(c) li jipprovdi dwar l-assientenza legali ghandu isib applikazzjoni anke fl-istadju ta'l-interrogazzjoni tal-persuna suspettata. Dana ghaliex huwa principju stabbilit fis-sistema penali taghna illi persuna ghandha titqies li hija innocenti sakemm ma tigix misjuba hatja minn qorti gudizzjarja. Kwindi hija ghandha dritt illi ma tinkriminax ruhha bl-ebda mod u dana sa mill-istadju inizjali ta'l-interrogazzjoni. Sabiex dana id-dritt jigi salvagwardjat ghalhekk kull persuna ghandha d-dritt li tikseb l-assistenza legali u dana sabiex tkun fl-ahjar pozizzjoni illi thejji id-difiza taghha. Dana huwa vitali iktar u iktar fid-dawl tal-principju hawn fuq indikat illi fis-sistema penali

[1] Ara sentenzi moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali – Il-Pulizija vs Alvin Privitera, il-Pulizija vs Mark Lombardi fost ohrajn.

taghna il-konfessjoni tal-persuna akkuzata hija prova ewlenija fil-process gudizzjarju istitwit kontra taghha.

Dana kollu madanakollu ghandu jittiehed fid-dawl tal-proceduri kollha, fis-sens illi jekk dak mistqarr fl-istqarrija huwa issostanzjat minn provi ohra indipendenti, allura l-istqarrija tal-persuna akkuzata minghajr ma ittiehed l-parir legali ma hijiex wahedha ser twassal ghal kundanna taghha billi hemm provi ohra li jistghu iwasslu ghal sejbien ta' htija. Izda jekk l-uniku prova li ghandha l-prosekuzzjoni huwa dak mistqarr mill-akkuzat fl-istqarrija tieghu minghajr ma huwa kellu l-opportunita' li jikkonsulta ruhu ma' avukat u ghalhekk ihejji id-difiza tieghu billi ma jinkriminax ruhu fi stadju fejn huwa prezunt li ghadu innocenti, allura iva, dik l-konfessjoni migjuba bhala prova unika quddiem qorti tal-gustizzja kontra l-imputat hija leziva tad-dritt tieghu ghal smigh xieraq u kwindi ghandha tigi skartata.

Illi kif gie deciz fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kostituzzjonali "Il-Pulizija vs Alvin Privitera":

***"Ir-regola hi li l-Artikolu 6(1) jitlob li jkun hemm dritt ta' avukat fl-istadju tal-investigazzjoni tal-pulizija, sakemm ma jigix pruvat li hemm ragunijiet impellenti ghaliex dan id-dritt ghandu jigi ristrett. Id-dritt ghall-avukat hi r-regola, ir-restrizzjonijiet huma l-eccezzjoni. ...***

***Dan id-dritt tal-akkuzat ikun irrimeddjabbilment pregudikat meta huwa jirrilaxxja stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni maghmula meta ma jkunx assistit minn avukat <u>u dawn l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu</u>.*** **(sottolinjar tal-Qorti).**

***Illi f'dan il-kaz l-unika prova li hemm kontra l-appellant hija l-istqarrija li hu irrilaxxja meta ma kienx assistit minn avukat u se tintuza ghall-conviction tieghu."***

Il-Qorti kompliet:

***"Ir-raguni tal-insistenza tal-Qorti Ewropeja dwar dan id-dritt ghall-assistenza legali fl-istadju inizjali tal-***

***investigazzjoni hija minhabba l-principju li hadd m'ghandu jinkrimina ruhu kif ukoll biex jinzamm bilanc bejn id-drittijiet tal-akkuzat u dawk tal-prosekuzzjoni. L-argument li altrimenti jkun difficli li l-pulizija tottjeni conviction mhux fattur li ghandu jittiehed in konsiderazzjoni fit-thaddim ta' dan il-bilanc."***

Illi fil-kaz in dizamina ma hemmx dubbju li l-istqarrijiet ta'l-imputata gew rilaxxjati fiz-zmien meta il-ligi vigenti ma kenitx taghti dritt lil persuna interrogata li tikseb parir legali. L-imputata giet arrestata fit-13 ta' Settembru 2006 filwaqt li kienet ghadha fil-bini tal-Qorti fejn hemm maghha kien hemm l-avukat taghha, Dr. Joe Brincat. F'dan il-mument l-avukat gie prekluz milli jikkomunika mal-klijenta tieghu u l-imputata ghalhekk ittiehdet il-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn hemm irrilaxxjat l-ewwel stqarrija taghha. Jidher illi l-imputata kienet qed tiddejjaq fic-cella, u dana skond kif jistqarr l-Ufficjal Prosekutur u investigatur fix-xhieda tieghu, u ghalhekk hija inghatat il-police bail.[2] L-ghada hija kompliet tigi interrogata fejn hija allura irrilaxxjat it-tieni stqarrija fejn fiha tammetti l-involviment taghha flimkien ma' Grace Gatt sabiex tiddefroda lil Attard. F'dina l-sitqarrija hija tammetti ukoll illi ma kenitx taf lil ex-Ministru Louis Galea. Tammetti ukoll l-invovliment taghha fil-kaz tal-minuri Cassandra Caruana u li kienu hi u Grace Gatt li kienu cemplu lil Attard ihedduh li sejrin jirrappurtawh lill-pulizija u mhux Cassandra u ommha.[3] F'dik l-istess gurnata aktar tard matul il-jum l-imputata tirrilaxxja stqarrija ohra fejn tkompli tammetti l-invovliment taghha f'dana il-kaz.[4] Fl-ahharnett terga tirrilaxxja stqarrija ohra  xahar wara fis-17 ta' Ottubru 2006.[5]

Illi ghalhekk ghalkemm huwa minnu fir-rigward ta'l-ewwel stqarrija rilaxxjata mill-imputata, illi dina giet interrogata minghajr ma inghatat il-jedd tikkonsulta ruhha ma'avukat, madankollu l-istess ma jistax jinghad fir-rigward tat-tlett

---

[2] Ara xhieda ta'l-Ispettur Angelo Gafa a fols. 54 u 55
[3] Ara Dokument LC3 a fol.62
[4] Ara stqarrija Dokument LC4  afol.64
[5] Ara stqarrija Dokument LC5 a fol. 66

stqarrijiet l-ohra. Jidher illi l-imputata inghatat il-*police bail* u ghalhekk giet rilaxxjata mill-arrest bl-intendiment illi hija kellha terga' tmur fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija sabiex tissokta l-istqarrija taghha. Illi f'dan it-trapass ta' hin, l-imputata kellha kull opportunita li tikkonsulta ruhha ma' avukat qabel ma kompliet l-interrogazzjoni taghha. Kwindi l-Qorti tqies illi, ghajr ghall-ewwel stqarrija, it-tlett stqarrijeit l-ohra rilaxxjati mill-imputata bl-ebda mod ma ittiehdu bi vjolazzjoni tad-dritt taghha ghal smigh xieraq billi hija kellha bizzejjed hin wara li giet rilaxxjata mill-pulizija sabiex liberalment tikkonsulta ruhha ma' avukat qabel kompliet tigi interrogata, u jekk naqqset milli taghmel dan, dan in-nuqqas huwa attribwibbli biss lilha.

Maghdud dana kollu, l-Qorti tistqarr illi l-Prosekuzzjoni ressqet bizzejjed provi madanakollu sabiex tipprova l-htija ta'l-imputata ghar-reat tal-frodi addebitat lilha. Fir-rigward tal-kaz fejn kienet involuta l-minuri Cassandra Caruana, l-Qorti kellha l-opportunita tisma' mhux biss lil dina Cassandra tixhed, izda ukoll lil ommha Sylvia Caruna.[6] Cassandra Caruana tikkonferma illi hija qatt ma kellmet lil Attard u li kienet Castillo li kienet fil-maggior parti twiegeb il-messaggi li kien jibaghtilha Attard minn fuq il-mobile phone taghha. Hija ma kenitx taf x'kienet tibaghtlu l-imputata fil-messaggi izda issuspettat illi dawn kellhom xi kontenut amoruz mill-mod kif kien iwegibha Attard. Tikkonferma illi Gatt u Castillo wara xi zmien kienu qalulha biex tghid lil ommha iccempel lil Attard u tirrikattah illi jekk ma ihallashiex xi somma flus, hija kienet ser tirraportah lill-pulizija. Cassandra tghid illi ommha irrifjutat taghmel dan u meta tallbu lilha biex taghmel dana minflok ommha, hija ukoll irrifjutat. Sussegwentement tghid illi Gatt u Castillo qalulha illi kienu cemplu huma lil Attard  fejn huma impersonifikaw lil ommha. Sylvia Caruana tikkonferma illi bintha kienet kellmitha fuq dan Giovann Attard u il-messaggi li kien jibaghtilha u tghid illi hija qatt ma kellha intenzjoni tirrapurtah lill-pulizija fuq dan. Tghid ukoll illi meta bintha talbitha iccempel lil Attard sabiex tirrikattah fuq dawn il-messaggi kif talbuha taghmel l-imputata u Gatt, hija irrifjutat li taghmel dan u tghid illi hija irrabjat ma

[6] Ara xhieda ta'  Cassandra u Sylvia Caruana a fols. 69 u 73.

bintha u qaltilha illi ma kenitx qed tiehu pjacir illi kienet qed tkun fil-kumpanija ta' dawn it-tnejn minn nies.

Jidher illi huwa minnu illi l-parti leza spicca issellef il-flus sabiex ikun jista' ihallas lil Gatt u lill-imputata in konnessjoni ma' dana ir-rikatt. Mid-dokumenti esebieti in atti jidher illi l-imputat kien issellef il-flus minn ghand certu Joe Bonnici sabiex ikun jista ihallas lil dawn it-tnejn minn nies, oltre li ghaddilhom diversi pagamenti ohra mis-somma li kien irceva minn ghand Carmen Zammit li kienet debitur tieghu. Jidher illi Attard kien hallas lill-imputata u lil Gatt 'il fuq mill-Lm20000 li kienu tallbuh u dana in konnessjoni mal-messa in xena konnessa mal-minuri Cassandra Caruana.

Fir-rigward tal-kaz l-iehor fejn kien involut l-impieg ta' Attard, l-Prosekuzzjoni ukoll ressqet diversi xhieda u provi ohra li kollha jindikaw minghajr l-icken dubbju li dina ukoll kienet messa in xena ippjanata u ivvintata kemm mill-imputata kif ukoll minn Grace Gatt. Ibda biex gie esebiet recording ta' telefonati li kienu isiru bejn l-imputata u Attard. Ta' dawn saru traskrizzjonijiet kemm mill-parti leza kif ukoll mill-espert nominata mill-Qorti Dr. Daniela Mangion fejn l-imputata tidher qed tkellem direttament lill-Ministru Louis Galea.[7] Il-Qorti kellha l-opportunita li tisma lill-Ex Ministru Louis Galea kif ukoll liz-zewg xufiera tieghu, li l-imputata ukoll allegat li kellha hbiberija maghhom, fejn dawn stqarru car u tond illi huma la jafu lill-imputata u lanqas lill-parti leza.[8] Il-Qorti semghet ukoll lil Joseph Busutill, l-allegat ghadu ta'Attard fuq il-post tax-xoghol. Dana Busuttil fix-xhieda tieghu jichad kategorikament illi huwa kellu xi problemi ma John Attard fuq il-post tax-xoghol. Ighid ukoll illi mhuwiex minnu illi huwa jaf lix-xufiera tal-ex-Ministru Galea. Jistqarr ukoll illi l-imputata huwa lanqas biss jafha kif lanqas jaf lil Grace Gatt. Mis-smigh ta' dawn ix-xhieda ghalhekk il-Qorti hija konvinta minghajr l-icken dubbju illi l-istorja dwar Joseph Busuttil u l-fatt illi Attard kien ser jitkecca minn fuq il-post tax-xoghol tieghu fi hdan id-Dipartiment ta'l-Edukazzjoni

---

[7] Ara Dokument DM a fol.208

[8] Ara xhieda ta' Mario Polidano u Mario Pace a fols. 100 u 102 u tal-Onor. Louis Galea a fol. 184

fil-Ministeru ta' Ghawdex ma kienet xejn ghajr storja ivvintata mill-imputata u l-komplici taghha Grace Gatt bil-ghan illi huma jisolhu iktar flus minn ghand Attard li waqa' ghal darba ohra fin-nassa taghhom.

Mill-provi ukoll jirrizulta illi Attard kien ghadda somom kbar ta' flus lil dawn it-tnejn minn nies in konnessjoni ma' dina l-storja. L-ewwel pagament li kien ghaddielhom kien ta' Lm9000 biex huwa ma jitkecciex mill-post tax-xoghol tieghu. Peress illi l-imputata baqghet igieghel lil Attard jemmen illi dan Busuttil kien lest ihallas somom kbar ta' flus sabiex huwa jitkecca, Attard baqa' ihallas dawn il-flus lil Castillo. Sussegwentement l-imputata qaltlu illi jekk ihallas somom ohra hija kienet ser iggiblu promozzjoni peress illi kienet taf lil Ministru personalment. Jidher illi dawn il-flus Attard issellifhom minn ghand certu Maureen Woods li tghid illi b'kollox sellfitu madwar Lm60000 oltre li kienet tatu pagament ta' Lm400 in konnessjoni ma' favuri sesswali.[9] Din ix-xhud tezebixxi diversi dokumenti bankarji li juru illi hija kienet ghaddiet dawn il-flus lil Attard.[10] Attard jikkontendi illi dana l-ammont ta' Lm60000 kien ghaddiehom kollha lill-imputata.[11]

Illi mill-assjem tal-provi mismugha l-Qorti hija tal-fehma illi l-Prosekuzzjoni ippruvat lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi l-imputata b'komplicita ma' Grace Gatt iddefrodat lil John Attard 'il fuq minn Lm80000 u ghalhekk l-akkuza ai termini ta'l-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 gie ampjament ippruvat. Billi jirrizulta illi l-akkuza dwar ir-reat tal-frodi innominat inghatat bhala kap alternattiv ghal dak tal-frodi, l-Qorti ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta'l-akkuza a tenur ta'l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9.

## IR-REAT DWAR *TRADING-IN-INFLUENCE*

Illi l-Avukat Generali fin-nota tar-rinviju tieghu ghal gudizzju jindika disposizzjoni ohra tal-ligi u cioe' r-reat ikkontemplat fl-artikolu 121A tal-kapitolu 9 li li jaqra:

---

[9] Ara xhieda ta' Maureen Woods a fol. 149
[10] Ara Dokument MW1 a ols 170 sa 176
[11] Ara xhieda ta' John Attard a fol.29

***“Kull min iwieghed, jaghti jew joffri, sew b’mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli precedenti ta’ dan is-subtitolu, sabiex igieghel lil dik l-persuna ohra tesercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor, ghandu, meta jinsab hati, jehel il-piena ta’ prigunerija ghal zmien minn tlett xhur sa sena.”***

Illi l-interpretazzjoni ta’ din id-disposizzjoni tal-ligi giet esposta f’zewg sentenzi moghtija mill-Qrati taghna u cioe’ wahda moghtija mill-Qorti Kriminali fit-13 ta’ Lulju 2006 flismijiet Ir-Repubblika ta’ Malta vs Dr. Noel Arrigo u it-tieni wahda deciza mill-Qorti ta’l-Appell Kriminali fis-17 ta’ Settembru 2008 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Gino Zammit fejn inghad:

“Illi minn ezami ta’l-artikolu gdid 121A jemergu zewg reati separati. Dak kontemplat fis-subartiklu (1) huwa dak ta’ persuna li twieghed, taghti jew toffri, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli precedenti. Mela hawn ghandha il-kaz fejn A is-soggett attiv, qieghed iwieghed, joffri jew jaghti lil B xi vantagg mhux xieraq biex B jinfluwenza kif jiddeciedi C., sija jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal C jew ghal xi hadd iehor, prezumibbilment D.”

Illi mill-provi akkwizti ma jidhirx illi dana ir-reat jista jissussisti u dana ghas-segwenti motivi. Illi kif diga gie ampjament spjegat iktar ‘il fuq, l-fatt illi l-imputata kienet taf lill-ex-ministru Louis Galea u lix-xufiera tieghu kienet kollha messa in xena. Gie ampjament ippruvat illi l-imputata qatt ma avvicinat lil dawn in-nies jew offrietilhom xi flus sabiex takkwista xi beneficcju jew vantagg ghal parti leza u qatt ma kellha intenzjoni taghmel dan. Dina kienet kollha storja ivvintata da parti taghha u ghalhekk

ghalkemm l-imputata hija hatja ta reati ohra madanakolli l-elementi legali li isawwru dana ir-reat ma jistghux jissussistu billi huma inesistenti ghaliex l-imputata qatt ma kienet ser tasal taghmel dak illi kienet qed tipprova iggieghel lil Attard jemmen li kienet ser taghmel jew li kienet qed taghmel. Kwindi l-imputata ser tigi illiberata minn dina l-akkuza.

**<u>IR-RIKATT</u>**

Li dwar l-ahhar reat indikat mill-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju tieghu ghal gudizzju, kif jindika l-artikolu 250 tal-Kapitolu 9 dana ir-reat jikkonsisti filli persuna, bil-hsieb li iggieghel persuna ohra li taghmel jew li tonqos milli taghmel xi haga thedded li taghmel denunzja jew kwerela kontra, jew li taghti malafama lil dik il-persuna jew persuna ohra.

Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta inkonfutabbilment ippruvat illi l-imputata flimkien ma' Grace Gatt kienu qed iggieghlu lil-imputat jemmen illi jekk huwa ma ihallashomx somma flus kienu ser imorru jirrappurtawh lill-pulizija dwar allegat abbuz ta' minorenni. Fil-fatt huma kienu qed igieghluh jemmen illi kienet omm din il-minuri li kienet ser taghmel dana r-rapport bil-ghan illi huma jezorcitaw flus minn ghandu indebitament.

Ghaldaqstant dana ir-reat jirrizulta sodisacentement ippruvat.

Illi meta tigi biex tqies il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ma tistax tinjora l-kobba imhabbla ta' dana il-kaz fejn jidher illi l-parti leza, ghall-ghanijiet li kellu, xi uhud minnhom kemmxejn kontorti, halla tnejn minn nies japprofittaw ruhhom minnu sabiex jistghanew minn fuq dahru indebitament. Illi mill-provi akkwiziti f'dana l-process jidher illi l-imputata ma kenitx kompartecipi ghal kollox fil-pjanijiet djabolici ta' Grace Gatt u kienet thallieha tmexxieha sabiex tinganna n-nies u tistghana minn fuq daharhom. Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma illi piena karcerarja effettiva ma tkunx idonja f'dana il-kaz u dana sabiex l-imputata ikollha ukoll zmien thallas lura lill-parti

leza il-flus mehuda minnha indebitament. Billi jidher ghalhekk illi Attard hallas somom kbar lil Grace Gatt u illi madanakollu l-involviment ta'l-imputata kien limitat ghal zewg incidenti partikolari u cioe' dak fejn kienet involuta il-minuri Cassandra Caruana fejn l-parti leza hallas madwar Lm20000 u l-incident l-iehor in konnessjoni mal-post tax-xoghol ta' Attard fejn huwa hallas madwar Lm60000, l-Qorti ser tghaddi biex tikkundannaha thallas lill-parti leza nofs dawna l-ammonti.

Ghaldaqstant l-Qorti wara li rat l-artikoli 308, 310(1)(a), 250(1), 17(b) u (h) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, filwaqt li tillibera lill-imputata mit-tieni akkuza migjuba fil-konfront taghha, issibha hatja tal-kumplament u tikkundannaha ghal perijodu ta' sentejn prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet maghmula u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta dana l-perijodu ta' prigunerija qed jigi sospiz ghal zmien erba' snin mil-lum.

Il-Qorti twissi lil hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk hija tikkometti reat iehor fil-perijodu operattiv ta' dina s-sentenza.

Finalment wara li rat l-artikolu 28H tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundanna lill-hatja thallas lill-parti leza John Attard s-somma ta' tlieta u disghin elf ewro (€93000) ekwivalenti ghal Lm40000 u dana fi zmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------